

32001R0556

22.3.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 82/13

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 556/2001

ta' l-21 ta' Marzu 2001

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2316/1999 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 li jstabilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti uċuh tar-raba maħrut għar-rigward taż-żoni mwarrba u l-lista ta' varjetatiet eliġibbli ta' kittien u qanneb

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jstabilixxi sistema ta' appoġġ għal produtturi ta' ċerti wċuh tar-raba maħrut⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1672/2001⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2316/1999⁽³⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2860/2000⁽⁴⁾, jstabilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1251/1999 għar-rigward tal-kondizzjonijiet għall-ġħoti ta' ħlasijiet għaż-żoni għal ċerti uċuh tar-raba maħrut u jfassal il-kondizzjonijiet għat-twarrib.
- (2) Artikolu 18 tar-Regolament msemmi hawn fuq jillimita l-eliġibbiltà għal ħlasijiet ta' twarrib ta' żoni li fis-sena preċedenti ġew kultivati bil-ħsieb ta' hśad, imwarrba skond ir-Regolament (KE) Nru 1251/1999 jew irtirati mill-produzzjoni ta' l-uċuh tar-raba maħrut jew miżrugħa bis-siġar skond il-leġiżlazzjoni ta' l-iżvilupp rurali.
- (3) L-Applikazzjoni ta' dawn il-kondizzjonijiet m'għadhiex ta' interess prattiku minħabba l-perjodu twil li għadda minn meta ġew introdotti. Barra minn dan, l-ispezzjonijiet dwar il-konformità ma' dan l-Artikolu jinvolvu ammont ogħli u sproporzjonat ta' sforz meta mqabbla ma' l-iskop tal-miżura. Dawn il-kondizzjonijiet restrittivi għandhom għalhekk jitneħħew sabiex jiġu simplifikati r-regoli.

- (4) Varjetatiet ġodda ta' kittien u qanneb mkabbra għall-fibra jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli. Dawn għandhom għalhekk jiġu nklużi fil-lista tal-varjetatiet ta' kittien u qanneb mkabbra għall-fibra eliġibbli għas-sistema ta' appoġġ fl-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 2316/1999.
- (5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) No 2316/1999 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. Artikolu 18 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 18

"Twarrib' t'fisser li tiġi mserrħa żona eliġibbli għall-ħlasijiet taż-żona skond it-tifsira ta' Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1251/1999."

2. Il-varjetatiet "Adélie" u "Caesar Augustus" huma miżjuda mal-punt 1 ta' Anness XII.
3. Il-varjetà "Uso 31" hija miżjuda mal-punt 2a ta' Anness XII.
4. Il-varjetà "Delta-llosa" hija miżjuda mal-punt 2b ta' Anness XII, u l-varjetà "Uso 31" hija mħassra.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jibda japplika mis-sena tal-bejgħ 2001/02.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Marzu 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 280, tat-30.10.1999, p. 43.

⁽⁴⁾ ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 63.